*Liberta` tal-espressjoni*

*Art 10 Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Art 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*banner*

*kap 552 tal-ligijiet ta' malta*

*LN 36 tal-2018*

*non ezawriment ta' rimedji ordinarji*

*kwalita' ta' ligi*

# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

## MHALLEF

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju 2019**

**Kawza Numru : 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru : 79/2018/LSO**

**L-Avukat Peter Caruana Galizia (ID 30056M), Matthew Caruana Galizia (ID 130886M), Andrew Caruana Galizia (ID 384287M) u Paul Caruana Galizia (ID 8989M)**

**vs**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali tal-Avukat Peter Caruana Galizia (ID 30056M), Matthew Caruana Galizia (ID 130886M), Andrew Caruana Galizia (ID 384287M) u Paul Caruana Galizia (ID 8989M) datat 3 ta' Awwissu 2018 fejn esponew: -

1. Illi fis-16 t'Ottubru 2017 Daphne Caruana Galizia sfat assassinata permezz ta' tqeghid ta' bomba fil-karozza taghha.

2. Illi bdiet investigazzjoni mill-Pulizija dwar dan l-omicidju, li tulha l-esponenti bdew jinghataw informazzjoni skarsa hafna fuq il-progress taghha; *(Ara s-sentenza l-Avukat Peter Caruana Galizia et vs il-Kummissarju tal-Pulizija (95/2017 SM deciza fit-12 ta' Gunju 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha), fejn gie kkostatat mill-Qorti li: "jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti kienu qed jigu sistematikament injorati mill-investigaturi");* izda li wasslet ghat-tressiq ta' tliet persuni l-qorti indagati bl-ezekuzzjoni tal-assassinju, u nbdiet kumpilazzjoni tal-evidenza fil-konfront ta' dawn it-tliet persuni.

3. Illi sussegwentament l-esponenti ma gew infurmati bl-ebda progress ghar-rigward it-tfittxija ta' min ordna l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, ghalkemm bdew jghaddu x-xhur mill-assassinju taghha u, *di piu`*, inghataw x'jifhmu li l-kaz kien qed jigi kkunsidrat maghluq *in vista* tal-arresti u ttressiq fuq imsemmi.[1]

4. Illi fl-31 ta' Marzu 2018, l-esponenti, li huma r-ragel u t-tfal (u ghalhekk l-eredi) ta' Daphne Caruana Galizia, wahlu *banner* ma' propjeta' privata fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta (ritratt tal-*banner* hawn anness u mmarkat Dok A), bil-kliem:

*"Why aren't Keith Schembri and Konrad Mizzi in prison, Police Commissioner?*

*Why isn't your wife being investigated by the police Joseph Muscat?*

*Who paid for Daphne Caruana Galizia to be blown up after she asked these questions?"*

5. Illi ftit jiem wara, twahhlet 'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq rigward Billboards u Riklami' mill-Awtorita' intimata mal-faccata tal-istess proprjeta' datata 3 t'April 2018 (kopja

---

[1] Ara risposta tal-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Silvio Valletta ghall-kawza pprezentata mill-esponenti 95/2017 SM, fejn dawn jghidu: "Illi minghajr pregudizzju ghal din il-linja, ir-rikorrenti ghandhom jirrevedu l-pozizzjoni taghhom ukoll fid-dawl tal-arresti li saru u tal-proceduri li issa bdew quddiem il-Qorti fil-konfront ta' persuni indagati li wettqu dan id-delitt."

tieghu hawn anness u mmarkat Dok C) ghat-tnehhija tal-istess *banner stante* allegat ksur tar-regolamenti tal-Avviz Legali 36 tal-2018 u l-provvedimenti tal-pjanijiet tal-izvilupp.

6. Illi fis-7 t'April 2018, il-*banner* tnehha.

7. Illi peress illi l-esponenti ma kienux konxji, dak iz-zmien, tal-fatt li t-tnehhija tal-*banner* saret mill-awtoritajiet, irrapurtaw is-serq taghha lill-Pulizija (numru tar-rapport: 15450/1/2018).

8. Illi fil-15 t'April 2018, l-esponenti regghu tellghu *banner* (ritratt tieghu hawn anness u mmarkat Dok D) fuq l-istess propjeta' privata bil-kliem:

*"Why aren't Keith Schembri and Konrad Mizzi in prison, Police Commissioner?*

*Why isn't your wife being investigated by the police, Joseph Muscat?*

*Who paid for Daphne Caruana Galizia to be blown up after she asked these questions?*

*This is our second banner our first got stolen. "*

9. Illi minghajr ebda pre-avviz, dan il-*banner* tnehha u ttiehed minn fuq il-post inqas minn tnax-il siegha wara li ttella', prezumabbilment mill-Awtorita' intimata.

10. Illi dan l-agir min-naha tal-awtoritajiet huwa abbuziv u maghmul ghall-iskop uniku li jigi mittiefes id-dritt tal-espressjoni hielsa tal-esponenti bl-effett illi ma jkunux jistghu jwasslu l-messagg taghhom. Dan l-iskop huwa car u manifest fil-fatt illi l-*banner* tal-esponenti bl-ebda mod ma jaqa' taht ir-regolamenti citati mill-awtorita' intimata *stante* li skont l-Avviz Legali 36 tal-2018:

➢ "**billbord"** tfisser kull reklam id-daqs ta' jew ikbar minn sitt metri kwadri ($6m^2$) li huwa immuntat fuq kull struttura, kemm jekk indipendenti jew immuntat mal-hajt, kemm jekk b'mod permanenti kif ukoll b'mod temporanju u liema *billbord* ma huwiex direttament relatat mar-reklamar ta' prodotti mibjugha jew attivitajiet li jkunu qed isiru fis-sit tal-billbord;

**> "reklam"** tfisser kull kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, tabella, avviz, disinn jew xbiha, sew jekk illuminata sew jekk le, li ghandha xorta ta' u hija uzata ghal kollox jew f' parti ghal skop ta' reklam, avviz jew direzzjoni, inkluzi kull stekkat jew struttura simili uzata jew adattata ghall-uzu ta' wiri ta' reklami; [2]

➢ **3.(1)** Ebda reklam ma ghandu jintwera fi kwalukwe post li jkun jidher mit-triq, u ebda vettura ta' reklamar ma ghandha titqieghed, fit-triq jew fi kwalsijasi post li jkun jidher mit-triq, minghajr il-permess tal-Awtorità moghti taht dawn ir-

[2] Sottolinjar tal-esponenti

regolamenti u l-Iskedi I u II, kemm-il darba dan ma jkunx reklam li ghalih ikun japplika r-regolament 4. [3]

11. Illi ghalhekk huwa car illi l-esponenti kellhom kull dritt li jwahhlu l-*banners* imsemmija minghajr ebda permess mill-awtorita' intimata u li t-tnehhija tal-*banners* imsemmija kienet kjarament abbuz tal-poter moghti lill-Awtorita' tal-Ippjanar taht l-istess Regolamenti, liema abbuz ta' poter jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt tal-esponenti li jesprimu ruhhom u li jwasslu messagg taghhom (avolja fil-verita' l-*banners* ikkonsistew biss f'sensiela ta' mistoqsijiet), it-tnejn drittijiet protetti mill-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

12. Illi dan il-fatt ingab a konjizzjoni tal-Awtorita' intimata mill-esponenti permezz ta' ittra ufficjali datata 16 t'April 2018 li ggib in-numru 1278/18 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok E), ghal liema ittra, l-esponenti rcevew risposta ufficjali imperjuza mill-Awtorita' intimata (kopja hawn annessa u mmarkata Dok F) fejn stqarret illi:

"Effettivament, jirrizulta li l-"jedd" minnkom pretiz m'huwiex dak tal-liberta` tal-espressjoni "minghajr indhil sproporzjonat", izda l-*entitlement* li jidhrilkom li ghandkom li tagixxu b'mod arbitrarju u bi ksur flagranti tal-ligijiet tal-pajjiz."

[3] Sottolinjar tal-esponenti

13. Illi *in vista* ta' din ir-risposta dizappuntanti, l-esponenti ma setghux hlief jipprocedu b'din il-kawza sabiex jitolbu protezzjoni tad-drittijiet taghhom minn din il-Qorti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jitolbu li din il-Qorti, praevia kull dikjarazzjoni li jidhrilha li hija xierqa u opportuna:

1) Tiddikjara li l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni mill-Awtorita' intimata tar-Regolamenti kontenuti fl-Avviz 36 tal-2018 li wasslet ghall-hrug tal-'Avviz ta' Twaqqif u Twettiq rigward Billboards u Riklami' jammonta ghal interferenza mhux gustifikata, sproporzjonata u mhux mehtiega f’socjeta` demokratika u ghalhekk ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fil-Ligijiet ta’ Malta permezz ta' Kapitolu 319 u tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2) Minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddikjara li t-tnehhija tal-*banners* minn fuq proprjeta` privata tammonta fiha nnifisha ghal interferenza mhux gustifikata, sproporzjonata u mhux mehtiega f'socjeta` demokratika u ghalhekk ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta f' Kapitolu 319 u tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3) Taghti dawk ir-rimedji effettivi li jidhrilha li huma xierqa sabiex l-esponenti jitqieghdu fl-istat li kienu qabel ma saret il-vjolazzjoni;

4) Tillikwida ammont ta' kumpens xieraq ghal tali vjolazzjoni u tikkundana lill-Awtorita' intimata thallas l-ammont hekk likwidat lill-esponenti.

Bl-ispejjez.

Rat li din ir-rikors gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2018 u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-intimat b' ghoxrin (20) jum zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tal-Ippjanar datata 17 ta' Awwissu 2018 a fol 19 tal-process fejn esponiet bil-qima:

1. Preliminarjament, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta milli twettaq is-setghat Kostituzzjonali/Konvenzjonali taghha, u dan skont kif provdut fil-*proviso* ghat-tieni subinciz tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u l-*proviso* ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, billi r-rikorrenti kellhom mezzi xierqa ta' rimedju disponibbli ghalihom skont il-Ligi tal-Ippjanar (*Ara l-Artikolu 97 tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 13, 36 u 50 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta),* li bihom setghu jikkontestaw il-hrug tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 68/18. Ir-rikorrenti ma kkontestawx l-Avviz in kwistjoni bil-mezzi li tati l-Ligi u allura huma gew li ssokkombew, accettaw u rrikonoxxew l-ordni kontenuta fl-istess Avviz.

2. Illi fil-mertu, u bla ebda hsara ghall-premess, t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u huma sempliciment

frivoli u ghandhom ghalhekk jigi michuda bl-ispejjez. Dan m'huwiex kaz fejn l-Awtorita', b'ghemil taghha (konsistenti fil-hrug u l-ezekuzzjoni tal-*enforcement notice* numru 68/18), xekklet b'xi mod l-ezercizzju tal-jedd tar-rikorrenti ghal-liberta' tal-espressjoni, hekk kif imhares fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Dan hu kaz fejn ir-rikorrenti qed jippretendu li ghandhom/kellhom id-"dritt" li jagixxu u bi ksur flagranti tal-Ligijiet tal-Ippjanar — u dan billi wettqu zvilupp, *(Ara l-Artikolu 70 (2) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta*) konsistenti fit-twahhil ta' *billboard* mal-faccata ta' fond residenzjali, minghajr ma talbu u wisq anqas kisbu permess ghal dan kif mehtieg skont il-Ligi.

3. Illi r-rikorrenti jsawru l-pretenzjonijiet taghhom f'din il-kawza, fost ohrajn, fuq l-asserzjoni nfondata taghhom li *"l-banner ... bl-ebda mod ma jaqa' taht ir-regolamenti citati mill-Awtorita".* Incidentalment, id-dispozizzjonijiet tal-Ligi citati mir-rikorrenti, li skont huma "jsahhu" din il-pretenzjoni taghhom, fil-verita' ma jaghmlu xejn ghajr ikkonfermaw li l-*banner* in kwistjoni jikkwalifika bhala *billboard*, u ghalhekk jikkostitwixxi zvilupp skont it-tifsira moghtija fl-Artikolu 70 (2) tal-Kap. 552 tal-Ligijiet ta' Malta, li ghalih kien mehtieg permess mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Bizzejjed jinghad li, kif jixhdu r-ritratti prezentati mir-rikorrenti nfushom ("Dok A" u "Dok C" annessi mar-rikors), l-*banner* in kwistjoni, bl-avviz/*announcement* (li kif jghidu r-rikorrenti *"jwassal tal-messagg taghhom")* muri fuq l-istess *banner*, kien akbar minn sitt metri kwadri, u kien immuntat mal-hajt ta' post, ossia fond residenzjali, li jidher mit-triq. Ir-rikorrenti

la qatt talbu u wisq anqas kisbu permess tal-izvilupp ghat-twahhil ta' dan il-*billboard* kif mehtieg skont il-Ligi. B'hekk t-twahhil ta' dan il-*billboard* hu *ex lege* meqjus bhala zvilupp illegali u jammonta ghal *causa illecita.* Dan fl-ahhar mill-ahhar hu stat ta' fatt li r-rikorrenti stess irrikonoxxew u accettaw meta deliberatament ghazlu li ma jikkontestawx, bil-proceduri opportuni ta' appell, l-istess *enforcement notice* mahrug kontra taghhom.

4. Id-decizjoni jew l-agir tal-Awtorita' tal-Ippjanar li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti jikkonsisti fit-twettiq l-obbligu legali tal-istess Awtorita' li tmexxi, kif fil-fatt mexxiet, bil-proceduri t'infurzar opportuni sabiex jitnehha l-*billboard* mmuntat mir-rikorrenti bi ksur car u manifest tal-ligi li tirregola' l-erezzjoni u z-zamma tal-billboards.

5. Ir-rikorrenti jinsistu dwar id-dritt fundamentali taghhom "li jesprimu ruhhom u li jwasslu il-messagg taghhom". L-espressjoni tal-fehmiet tar-rikorrenti, u t-twassil ta' dan il-messagg taghhom, ma jistghu qatt iservu bhala paraventu ghat-twettiq ta' attivita' kondotta lil hinn mir-regolamenti, bla ebda restrizzjoni jew limitazzjoni, u bl-insistenza ta' zamma ta' *billboard* li jikkostitwixxi zvilupp illegali.

6. Ir-rikorrenti jaslu sabiex jiddeskrivu t-twegiba tal-Awtorita', ghall-ittra ufficjali mressqa minnhom, bhala wahda "imperjuza". Hu biss l-agir abbuziv u Ilegali mwettaq mill-istess rikorrenti, u l-pretenzjonijiet li fuqhom qeghdin issa jsawru din l-azzjoni taghhom, li ghalihom tghodd din

id-deskrizzjoni. Ghaliex hadd ma jista' jippretendi, kif qed jippretendu r-rikorrenti, li jkollu xi esenzjoni specjali mill-qafas ta' ligijiet li jirregolaw dan il-pajjiz (li jghoddu b'mod indiskriminat ghal kullhadd), bil-pretest li jrid isemma' l-opinjoni tieghu. Altrimenti, jkun ifisser li kull min jidhirlu li jrid isemma' l-oppinjoni tieghu, ikun jista' jaghmel dan b'dispett lejn il-ligijiet tal-pajjiz, u jkollna anarkija.

7. Kulhadd ghandu l-jedd ghal-liberta' tal-espressjoni. Dan hu jedd ghandu jigi mhares b'zelu; izda dan biss kemm-il darba din il-liberta' tigi ezercitata skont il-Ligi. Inkella, ma tibqax liberta' ta' espressjoni imma tigi mibdula f'ezercizzju arbitriju, jekk mhux abbuz, ta' jedd. L-Awtorita' ghal darb'ohra ittenni li f'dan il-kaz, il-"jedd" pretiz mir-rikorrenti m'huwiex dak tal-liberta' tal-espressjoni minghajr indhil sproporzjonat, izda l-*entitlement* li jidhrilhom li ghandhom li jagixxu b'mod arbitrarju u bi ksur flagranti tal-Ligijiet tal-pajjiz.

8. Jinghad bla tlaqliq li pretensjoni bazata fuq illegalita', kif inhi dik imressqa mir-rikorrenti f'dan il-kaz, ma tista' qatt tammonta ghal jedd li ghandu jigi kawtelat minn Qorti, anqas jekk meqjusa mill-ottika aktar wiesgha solitament adoperata fi procedura bhal din.

9. Ir-rikorrenti l-ewwel wahhlu, ghal darba, darbtejn, *banner* mal-faccata ta' fond residenzjali bi ksur tal-ligi, u issa qed juzaw bhala pretest id-dritt li jesprimu ruhhom u li jwasslu il-messagg taghhom, biex jinghatalhom privilegg konsistenti fin-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti

emergenti mil-ligi. Dan hu effettivament ir-rimedju li r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jinghatalhom minn dina l-Onorabbli Qorti - u cioe' li jigu kawtelati fl-abbuz flagranti taghhom tal-Ligi, u dan mhux biss billi l-Qorti taghati "s-sigill ta' approvazzjoni taghha" ghal dan il-ksur taghhom tal-Ligi, izda sahansitra billi tippremjahom, bi hlas ta' kumpens, talli wettqu din l-illegalita'. "Din il-Qorti ma (tistax taghti protezzjoni fejn hemm stat ta' illegalita`, **hu min hu.** *'(Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti (diversament presjeduta) nhar it-13 ta' Gunju 2016, fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 861/2016 AE fl-ismijiet "Rosette Thake u Dott.ssa Ann Fenech fil-kwalita' rispettiva taghhom ta' Segretarju Generali u President tal-Kumitat Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista v. 1. L-Awtorita' tal-Ippjanar gja l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar; u 2. L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta*)".

10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghux jilmentaw li (i) t-tahhdim tar-regolamenti tal-Avviz Legali 36 tal-2018 li wassal lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tohrog l-*enforcement notice* numru 68/18; jew (ii) l-ezekuzzjoni tal-istess *enforcement notice* min-naha tal-Awtorita' bl-azzjoni t'infurzar opportuna, fejn tnehha l-*billboard* illegali in kwistjoni; isarrfu f' "interferenza mhux gustifikata, sproporzjonata u mhux mehtiega" fl-ezercizzjoni tad-dritt taghhom ghal-liberta' tal-espressjoni. Il-kawzali dedotta f'din il-kawza m'hijiex il-jedd fundamentali tar-rikorrenti li jwasslu l-messagg taghhom b'mod lecitu, imma l-jedd tar-rikorrenti li jwasslu dan il-messagg bla ebda restrizzjoni fost ohrajn bil-*billboard* illi kienu wahhal bla permess.

11. Id-"dritt" tar-rikorrenti li jwasslu l-messagg taghhom specifikatament bl-uzu ta' *billboard*, bla ebda restrizzjoni u addirittura kontra l-ligi, la hu dritt sancit taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni. Agir bhal dan huwa inaccettabbli, punibbli, u certament li m'huwiex imhares bil-Ligi. B'hekk kull azzjoni mehuda mill-Awtorita' sabiex twaqqaf l-illegalita' mwettqa mir-rikorrenti ma tammonta bl-ebda mod ghal ksur tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni tal-Malta jew tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem (kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea l-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. Ukoll, ghar-ragunijiet kollha gja mfissra f'din ir-risposta, ebda rimedju - inkluz dak ta' hlas ta' kumpens - m'ghandu jigi akkordat lir-rikorrenti ghall-agir manifestament illegali taghhom. Hawnhekk issir ghal darb'ohra riferenza ghat-twegiba tal-Awtorita' ghall-ittra ufficjali li kienet giet mressqa mir-rikorrenti nhar is-16 t'April 2018. Dak li nghad f'din ir-risposta — li r-rikorrenti ghogobhom jiddeskrivuh bhala kontenut imprejuz - m'huwa xejn ghajr riflessjoni tal-principji enuncjati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**John u Helen konjugi Vella u GV Gozo Developments Limited vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et'** (deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 t'April 2015), fejn inghad illi <u>min jiehu vantagg billi jaghmel illegalita' ma jistax jippretendi li l-ligi taghtih rimedju. "Dan huwa principiu ta' ordni pubbliku, biex tingheleb il-mentalita' li jaqbillek "tikkapparra" t-tgawdija bi</u>

ksur tal-ligi biex forsi eventwalment l-illegalita' tkun sanzjonata, mentalita' li tippremja lil min jikser il-ligi u tippenalizza lil min ifittex li jharisha f'kollox"-

Ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrenti ma jimmeritawx akkoljiment u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, b' dana illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara l-azzjoni tar-rikorrenti bhala wahda sempliciment frivola.

Rat il-verbali kollha tas-seduti inkluz dak tat-Tlieta, 4 ta' Gunju 2019, fejn meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet. Dehru r-rikorrent Dr Peter Caruana Galizia, u Oliver Magro in rapprezentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Therese Comodini Cachia u ta' Dr Ian Borg, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Lulju 2019 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi b'din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitolbu l-protezzjoni tad-dritt taghhom ghal-liberta' tal-espressjoni, kif imharsa **bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,** maghmula parti mil-ligi ta' Malta bis-sahha ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (**Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta)**, 'il quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**", kif ukoll **bl-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta'**

**Malta**, 'il quddiem imsejjah **"Il-Kostituzzjoni".** Dan billi tnehha, ghal darba darbtejn, *banner* li huma dendlu mal-faccata ta' bini privat il-Belt, Valletta. Isostnu li kien hemm indhil sproporzjonat, u mhux gustifikat ragjonevolment jew mehtieg f'socjeta' demokratika, meta l-Awtorita' tal-Ippjanar ("Awtorita`") ordnat it-tnehhija taghhom bl-applikazzjoni u interpretazzjoni tar-regolamenti rilevanti tal-**Avviz 36 tal-2018 u tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti taghti kull ordni xierqa sabiex jigi raddrizzat dan l-agir vjolattiv u jigu reintegrati fid-dritt taghhom, oltre kumpens xieraq ghal-lezjoni.

Illi l-Awtorita' opponiet ghat-talba, billi eccepiet, in linea preliminari, li din il-Qorti ghandha taghzel li ma tkomplix tisma' dan il-kaz bl-applikazzjoni tal-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319** u tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;** u li t-talbiet huma semplicement frivoli u infondati fid-dritt billi f'dan il-kaz, ir-rikorrenti qed jippretendu li ghandhom dritt li jagixxu bi ksur flagranti tal-ligijiet tal-ippjanar minghajr l-ebda restrizzjoni. In sintesi, l-eccezzjonijiet fil-mertu huma fis-sens li r-rikorrenti qed jippretendu li d-dritt taghhom ghall-espressjoni ghandu jigi ikkawtelat minghajr l-ebda restrizzjoni jew limitazzjoni u qed juzawh bhala paraventu ghall-agir illegali. Tghid ukoll li l-*banner* jikkostitwixxi *zvilupp* skont it-tifsira moghtija bl**-Artikolu 70(2) tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta** u twahhal minghajr ma r-rikorrenti talbu l-permess mehtieg. Ghalhekk l-Awtorita' agixxiet semplicement fit-twettieq tal-obbligu legali taghha.

**FATTI LI JEMERGU MILL-ATTI**

Il-fatti principali mhumiex kontestati.

Fic-centru tal-kaz odjern hemm zewg *banners* li gew imwahhlin ma' proprjeta' privata bil-kliem :-

*"Why aren't Keith Schembri and Konrad Mizzi in prison, Police Commissioner?*

*Why isn't your wife being investigated by the police, Joseph Muscat?*

*Who paid for Daphne Caruana Galizia to be blown up after she asked these questions?"*

L-ewwel *banner* twahhal fit-31 ta' Marzu 2018 u sussegwentement tnehha fis-7 ta' April 2018 fuq ordni tal-Awtorita' intimata wara li twahhal 'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq rigward Billboards u Riklami' mal-faccata tal-istess proprjeta' datata 3 t'April 2018 *stante* allegat ksur tar-regolamenti tal-**Avviz Legali 36 tal-2018** u l-provvedimenti tal-pjanijiet tal-izvilupp.

Ir-rikorrenti tellghu t-tieni *banner* bl-istess messagg fil-15 ta' April 2015 fuq l-istess proprjeta' privata. Fit-tieni *banner* kien hemm zieda bil-kliem "*This is our second banner our first got stolen."*

Dan it-tieni *banner* tnehha fi ftit sighat mill-Awtorita' intimata.

Dan kollu sehh fl-isfond tal-assassinju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia, mart u omm ir-rikorrenti rispettivament, li sehh fis-16 ta' Ottubru 2017 permezz ta' bomba li tqeghdet fil-vettura taghha. Ir-rikorrenti jilmentaw li minkejja li tressqu b'kumpilazzjoni tliet persuni fuq suspett li kkommettew id-delitt materjalment, sallum nghataw informazzjoni skarsa hafna fuq il-progress tal-investigazzjoni mill-Pulizija ghar-rigward tat-tfittxija ta' min seta' ordna l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Anzi skont kif xehed l-Avukat Peter Caruana Galizia, il-Pulizija tawhom x'jifhmu li l-kaz kien maghluq mal-arrest tat-tliet persuni li prezentement ghaddejjin minn proceduri ta' kumpilazzjoni.

Jirrizulta li r-rikorrenti gabu dawn il-fatti a konjizzjoni tal-Awtorita' intimata permezz ta' ittra ufficjali datata 16 t'April 2018 (Itt.Uff. Nru.1278/18), ghal-liema ittra l-Awtorita' wiegbet billi opponiet u addebitat lir-rikorrenti *agir "arbitrarju u bi ksur flagranti tal-ligijiet tal-pajjiz."*

Illi l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq rigward Billboards u Reklami (Dok B a fol 8) inhareg fit-3 ta' April 2018 taht il-firma ta' Kevin Ciantar, ghac-Chairperson Ezekuttiv, u huwa indirizzat wiehed lill-*Owner,* u l-iehor lill-*Occupier.* Mill-istess Avviz jirrizulta li l-ksur tal-kontroll tal-ippjanar jikkonsisti f'li "*Twahhal billbord/"banner", mal-faccata, minghajr il-permess mehtieg."* Fl-istess Avviz hemm l-ordni

biex jitnehha l-imsemmi *billboard*/*banner*, inkluz kull stekkat jew struttura simili "*b'mod immedjat*", u fin-nuqqas fih it-twissija li l-Awtorita' ghandha s-setgha li tidhol fil-proprjeta' biex tnehhi kull illegalita` msemmija f'dan l-Avviz.

**Provi u Xhieda**

Illi gie esebit l-*enforcement file* numru ECF 68/18**.** Jirrizulta mir-rapport tal-ufficjal tal-inforzar datat it-3 ta' April 2018, li rcieva struzzjonijiet biex johrog *enforcement notice* rigward "*a large black canvas sign (with white and red writing) fixed onto the1st and 2nd floor balconies of properties 31-32, Old Bakery Street, Valletta."* Is-sid ma kienx maghruf. Skont dan ir-rapport il-kaz kien trattat bhala wiehed urgenti.

"*Case was discussed with management and it was agreed that enforcement notice (adverts) is to be issued on the owner and occupier."*

Xehed ir-rikorrent, **l-Avukat Dottor Peter Caruana Galizia,** b'affidavit **(fol 65)** fejn ta r-retroxxena li wassal ghal din il-kawza**.** Martu Daphne Caruana Galizia kienet gurnalista investigattiva li, l-aktar permezz tal-*blog* taghha bl-isem *Running Commentary,* kienet tikteb fuq il-korruzzjoni fl-oghla livelli tal-Gvern ta' Malta. Qal li hu u uliedu huma konvinti li l-qtil taghha huwa relatat mal-kitba taghha u li dan sehh minhabba s-sens ta' impunita' fil-pajjiz fejn ma hemm l-ebda reazzjoni jew investigazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-pajjiz. Qal li minkejja li tressqu tliet persuni mixlija bl-ezekuzzjoni tal-assassinju ta' martu,

huma konvinti kien hemm persuna li qabbad lil min kien respnsabbli materjalment ghall-qtil biex jaghmel dan id-delitt.

Minkejja li ghaddew xhur mill-arrest u mill-bidu tal-kumpilazzjoni, la hu u lanqas uliedu ma nghataw iktar informazzjoni dwar il-progress ghar-rigward it-tfittxija ta' min ordna l-qtil taghha. Anzi nghataw l-impressjoni li l-kaz kien qed jigi kkunsidrat maghluq.

Ghalhekk u sabiex issir pressjoni fuq l-awtoritajiet kompetenti, kisbu l-permess mis-sidien tal-proprjeta' privata fi Triq l-Ifran, il-Belt Valletta, biex iwahhlu l-*banner* in mertu. Huwa talab parir legali jekk kellux bzonn permess ghal din l-azzjoni, izda nghata parir li l-permess kien mehtieg biss f'kaz ta' reklam.

"*Ghalija dan kien purament messagg ta' natura politika fil-kontroversja fil-pajjiz dwar l-istat ta' impunita', li, fl-opinjoni tieghu, ghen biex il-qtil ta' marti seta' kien possibbli."*

Qal li ftit jiem wara li wahhlu l-*banner* fil-31 ta' Marzu 2018, twahhal l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq rigward Billbords u Riklami mill-Awtorita' mal-faccata tal-bini. Hu ma kienx notifikat b'dan izda rah b'kumbinazzjoni meta ghadda minn hemm wara li kien irritorna minn gimgha safar.

Fis-7 ta' April 2018, cioe` qabel it-terminu ta' 15-il gurnata moghti ghall-appell skont **l-artikolu 86(12) tal-Kap 504 tal-Ligijiet ta' Malta,** il-*banner* tnehha. Ghalhekk ma kienx

hemm skop li jappella anke ghaliex ghalih l-ebda appell ma kien itih lura d-dritt ta' espressjoni la tnehha l-*banner*.

Billi ma kienux jafu min nehha l-*banner* wiehed minn uliedu rraporta s-serq tieghu (Rapp 15450/1/2018).

Regghu tellghu *banner* iehor fil-15 ta' April 2018 fuq l-istess bini privat izda minghajr preavviz dan il-*banner* tnehha. Qal li xi girien qalulhom li gew il-pulizija u ghalqu t-triq waqt li l-*banner* tnehha b'*crane.* Pero` ma kienux jafu min kien ordna t-tnehhija.

Qal li hu u uliedu ma setghux jaccettaw din l-attitudini tal-Awtorita' intimata li kienet qed tinqeda bl-Avviz Legali biex kull tentattiv ta' pressjoni biex jigi stabbilit min ordna l-qtil ta' martu u ta' omm uliedu "*tigi nipped in the bud ghaliex xi hadd x'imkien qed jibza' mill-verita' li setghet tohrog minn investigazzjoni serja u intensiva kif kien jixraq u kif jiena u t-tfal ghandna dritt inaljenabbli ghaliha taht l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea."*

**In kontro-ezami** (fol 164) qal li hu u ohtu huma s-sidien tal-fond numru 31 Triq l-Ifran filwaqt li uliedu huma s-sidien tal-fond numru 32-33 soggett ghall-uzufrutt tieghu. Qal li qaghdu attenti li l-*banners* kienu marbutin sew minhabba r-rih. Ma tkellimx mal-Awtorita' ghaliex meta ra l-*Legal Notice*, ra li dan ma kienx japplika ghall-kaz tieghu ghax ma kienu qed jirreklamaw xejn, riedu jaghmlu *statement* biss.

Xehed **Carmel sive Charles Gafa*, Principal Direct Action Officer*** mal-Awtorita' ta' l-Ippjanar (fol 70 *et seq*). Mistqosi jekk il-*photocopy* tal-*files* li gie esebit fil-process huwiex l-fotokopja tal-*file* kollu li gab mieghu wiegeb :

"*Ma nafx inwiegeb ghax illum qeghdin paperless ....*"

Qal li l-Awtorita' saret taf bil-messagg minn diversi rapporti li dahlulha. Ma kienx jaf iwegeb kemm dahlu rapporti "*imma dahhlu diversi rapporti."* Qal li l-ufficju tal-*customer care* jilqa' r-rapporti jew dawn isiru mal-*complaints office.*

Riferut ghar-rapport fol 34 (*enforcement officer's report)* biex jispjega il-kliem "*received instructions"* senjatament min hareg l-istruzzjonijiet, qal li l-istruzzjonijiet jinhargu mill-*managers*. Imbaghad qal li hu jiehu d-decizjoni tad-*direct action "wara li nkunu iddiskutejnha u jigi maqbul li ghandha tittiehed direct action."* Imbaghad qal li ma kienx ippartecipa fil-laqgha minn fejn hargu dawn l-istruzzjonijiet.

Mistoqsi ghaliex kien hemm urgenza f'dan il-kaz wiegeb "*Mela fejn jidhlu billbords li jkollhom certu tip ta' messaggi ehe..."l-Awtorita` qeghdha tikkonsidrahom bhala urgenti."* Qal li ma jharsux lejn il-kontenut. Jekk huwa illegali inehhuh.

Qal li ghalih il-billbord kien fih messagg u mhux reklam. Qal li kien hemm varji kriterji biex tittiehed azzjoni bl-urgenza u semma' jekk jidhlu hafna ilmenti allura l-kaz jinghata prijorita'.

Mistoqsi kemm kienu l-ilmenti biex ikkunsidrahom bhala hafna wiegeb "*Nikkonsidrahom hafna mhux jiena; meta gie deciz nerga' nghid, meta harget in-notice. Biss anke jekk wiehed ihares lejn il-media socjali, il-kummenti li tara fuqhom xi haga straordinarja hu?".*

Irrepeta li mhux hu jiddeciedi jekk il-kaz ghandux jitqies bhala urgenti. Qal li hu jidhol fil-kaz meta l-avviz tkun giet notifikata skont il-ligi u ma jkunx hemm appell. Tigi notifikata legalment billi titwahhal fuq il-post.

Mistoqsi min ha d-decizjoni li tittiehed *direct action* qal li hadu wara li ddiskuta l-kaz mal-Executive Chairman u mad-diretturi tieghu u semma lil Johann Buttigieg.

Qal li l-*enforcement notice* jghid li l-*banner* kellu jitnehha b'mod immedjat. Izda d-decizjoni biex tittiehed *direct action* ma ttiehditx mal-hrug tal-*enforcement notice.* Kien hemm bejn 24 - 48 siegha bejn il-hrug tal-*enforcement notice* u d-decizjoni biex tittiehed *direct action*.

Wara li ttiehdet id-*direct action*, qal li l-Awtorita' ma kellhiex interess biex tkompli tfittex min kienu s-sidien tal-post.

Gie muri d-dokument a fol 47 (*Enforcement end case Report)* fejn hemm miktub:

"*Case was discussed with management and it was agreed that enforcement notice (adverts) is to be issued on the owner and occupier"* qal li ma kienx involut hu fid-decizjoni.

Qal li *direct action* hija deciza mill-*Executive Chairman*. "*Kull direct action dejjem niddiskutiha mal-Executive Chairman."* Ikkonferma li kien Johann Buttigieg li tah l-istruzzjonijiet dwar il-billbord u anke dwar kull billbord ma Malta. Qallu biex johrog jaqla' l-billbord.

Rigward it-tieni darba li nehhew il-*banner* qal li ma hemm xejn fuq it-tieni *direct action* billi kkonsidrawha bhala ksur tal-ewwel *notice*.

Rega' xehed (fol 153) u qal li l-istruzzjonijiet fejn jidhlu billbords huma cari tant li l-Awtorita' ghandha l-jedd li tagixxi anke b'effett immedjat. Fejn hemm dawn it-tip ta' billbords jew *adverts*, l-Awtorita' tagixxi indipendentement mill-kontenut. Qatt ma ghamlu distinzjoni bejn messagg u iehor.

Mistoqsi dwar jekk dahlux rapporti fuq dan il-kaz wiegeb li kienet tqanqlet certu kommossjoni minhabba li kien hemm erba' festi l-Belt. Saru festi ta' xi erba' qaddisin il-Belt f'daqqa u l-Belt kienet imzejna u kien hemm iktar oggezzjoni ghal dan l-izvilupp.

**Dr. Ian Borg:**

*"Ara jekk taqbilx mieghi li l-Awtorita' tqis ukoll l-urgenza tal-kaz b'rabta man-numri ta' rapporti minhabba konsiderazzjoni ta' injuri to amenity li johorgu wkoll mil-Ligi".*

**Xhud:**

*"**...**f'dan il-kaz partikolari niftakar li tqanqlet certu kommossjoni minhabba fih proprju ghax dakinhar grat xi haga storika.... fejn inghaqdu xi erba' festi flimkien u kien hawn il-Belt kollha imzejna....jista' jkun li kienet nicca biex certu kumitati, kazini, nies, ikun hemm iktar oggezzjoni ghal tali zvilupp....".*

**Dr Ian Borg:**

*"U ara taqbilx mieghi li l-Awtorita' tqis ukoll l-urgenza tal-kaz b'rabta man-numru ta' rapporti minhabba konsiderazzjoni ta' 'injury to amenity' li johorgu wkoll mil-ligi."*

**Xhud:**

*"Il-fatt li fejn kien esebit jaqa' taht Urban Conservation Area fejn ghandek certu estetika, l-Belt, il-galleriji, .... l-Awtorita' l-ewwel haga li taghmel illi biex taghmel advert tal-hanut tieghek ukoll torbtok biex izzomm mal-estetika tal-post. Lil hinn minn hekk, f'dan il-kaz zgur li t-tip ta' messagg, jew tip ta' banners, streamer, billbord sejhilha li trid, zgur li ma kenitx tikkumplimenta mal-bini tat-triq....".*

Rigward il-*files* tal-Awtorita' qal li huma jarawhom tramite in-*network*.

Xehed **Johann Buttigieg, Chairman Ezekuttiv tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar** (fol 90). Qal li mill-*file* irrizulta li "*fit-2 ta' April 2018 kien hemm minuta li "This office received instructions to issue an enforcement notice...".*

Mistoqsi min ta l-istruzzjonijiet wiegeb li :

"*Disgha u disghin fil-mija jew ikun minn l-ufficcju tieghi jew inkella minn l-ufficcju tad-direttur tal-enforcement... ma nistax nghid....ma niftakarx."*

*"Jiena naghti direzzjoni in generali xi tkun l-issue per ezempju, hemm direzzjoni generali fuq banners, dawn ghandhom jinqalghu immedjatament...huma ta' min huma..*

*-omissis-*

***Dr. Therese Comodini Cachia:***

*U d-direzzjoni generali giet ippubblikata?*

***Xhud:*** *No hija procedura interna ta' l-Awtorita`.*

***Dr. Therese Comodini Cachia:***

*Il-procedura interna ta' l-Awtorita' f'din id-direzzjoni generali x'tindika bhala kriterji?*

***Xhud:*** *Li jekk inti ghandek banner li jaqa' taht il-legal notice 36/18 dawn ghandhom jitnehhew."*

Qal li d-definizzjoni tal-*banner* johrog mill-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta u li dan huwa avviz ossia *announcement.*

***"Dr. Therese Comodini Cachia:***

Il-*general instructions* li hrigt ghandek kopja taghhom mieghek?

***Xhud:*** *No.*

***Dr. Therese Comodini Cachia:***

*Tista' tipprezenta kopja taghhom?*

***Xhud****: L-instructions jinghataw verbalment."*

Mistoqsi biex jispjega d-decizjoni tieghu fir-rigward tal-*banner* in mertu qal "*ghaliex banner ta' iktar minn tliet metri, wisa' ta' iktar minn zewg metri, jekk dan mhuwiex avviz, ghiduli spjegawli x'inhu avviz?"*

***Dr. Therese Comodini Cachia:***

*"Inti li hrigt din il-general instruction ghamilt differenza bejn dikjarazzjoni politika u dikjarazzjoni ta' reklam fis-sens ta' reklam jew announcement ghal business?*

***Xhud:***

*"Il-Legal Notice ma tirriflettix jekk hijiex ghal business jew le."*

Xehed ukoll li l-*general instructions* tahom bil-fomm kwazi xaharejn jew tliet xhur wara li lehaq CEO fit-2013. Qal li hu ha d-decizjoni biex tittiehed 'direct action' f'kull *advert* ta' dan it-tip. Hu jikkonsidra biss jekk il-*banner* huwiex fost dawk ezentati bil-ligi. Qal li l-*enforcement notice* nharget billi l-*banner* twahhal fuq proprjeta' privata u inghata tlett ijiem *chance* qabel ma tnehha.

Qal ukoll li l-urgenza tal-kaz kien dovut ghaliex huma jimxu mal-Avviz Legali li prattikament tqies li l-*banner* irid jitnehha wara tlett ijiem.

Rega' xehed (fol 107) u pprezenta ritratti ta' *banners* li tnehhew fl-istess gurnata tas-6 ta' April 2018. Qal li huma ma jaghmlux distinzjoni skont il-kontenut.

**Ligi Ordinarja**

Id-disposizzjonijiet ta' Ligi Ordinarja rilevanti ghall-kaz huma:

**Avviz Legali 36 tal-2018:**

"***billbord"*** *tfisser kull reklam id-daqs ta' jew ikbar minn sitt metri kwadri (6m$^2$) li huwa immuntat fuq kull struttura, kemm jekk indipendenti jew immuntat mal-hajt, kemm jekk b'mod permanenti kif ukoll b'mod temporanju u liema billbord ma huwiex direttament relatat mar-reklamar ta' prodotti mibjugha jew attivitajiet li jkunu qed isiru fis-sit tal-billbord;*

***"reklam"*** *tfisser kull kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, tabella, avviz, disinn jew xbiha, sew jekk illuminata sew jekk le, li ghandha xorta ta' u hija uzata ghal kollox jew f' parti ghal skop ta' reklam. avviz jew direzzjoni, inkluzi kull stekkat jew struttura simili uzata jew adattata ghall-uzu ta' wiri ta' reklami; (*Tifsira fil-Kap 552).

***3.(1)*** *Ebda reklam ma ghandu jintwera fi kwalukwe post li jkun jidher mit-triq, u ebda vettura ta' reklamar ma ghandha titqieghed, fit-triq jew fi kwalsijasi post li jkun jidher mit-triq, minghajr il-permess tal-Awtorità moghti taht dawn ir-regolamenti u l-Iskedi I u II, kemm-il darba dan ma jkunx reklam li ghalih ikun japplika r-regolament 4.*

**Kap 552 :** *"żvilupp" tfisser kull intervent li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet deskritti fl-artikolu 70."*

**Art 70** (2)*" Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, għall-għanijiet l-oħra kollha ta' dan l-Att, "żvilupp" tfisser l-għemil ta' xogħol ta'*

*bini, inġinerija, xogħol ta' barrieri, tħaffir u xogħol ieħor għall-kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil fl-art jew fil-baħar, jew fuqhom, jew 'il fuq minnhom jew taħthom, it-tqegħid ta' reklami jew kull bidla sostanzjali fl-użu tal-art jew bini u baħar, minbarra ..."* u imbaghad il-ligi tispecifika numru ta' esenzjonijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet Preliminari</u>**

Din il-Qorti tghid minghajr tlaqliq li l-*banners* f'dan il-kaz kellhom messagg qawwi u potenti. Huwa assolutament irrilevanti ghall-fini tal-protezzjoni tad-dritt ta' espressjoni hielsa, dan il-messagg seta' anke joffendi, jiddejjaq jew iqanqal kontroversja. Huwa pacifiku li dan id-dritt mhuwiex assolut, imma jigi kontrobilancjat bil-limitazzjonijiet tal-ghanijiet legittimi tal-Istat, u bil-kejl ta' proporzjonalita`.

Il-kliem huma mmirati lejn l-persuni/organi fdati bir-responsabbli u bid-dover li jinvestigaw il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u li jressqu quddiem l-awtoritajiet gudizzjarji tal-pajjiz dawk il-persuni (mandanti) li taw l-ordni ghall-qtil taghha.

**Dan qed jigi senjalat minnufih billi huwa pacifiku li messaggi li jqanqlu kontroversja, jew li huma xokkanti jew li jdeqju lin-nies jattiraw il-protezzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. Id-dritt ghall-espressjoni hielsa ma jkollha bzonn l-ebda enforzar li kieku kliem sbieh biss huma protetti.**

Kif gie trattat mill-abbli difensur tar-rikorrenti, l-messagg fih kontenut politiku f'sens wiesgha tal-kelma, izda huwa intimament marbut mat-tfittxija tal-verita' mill-qraba ta' Daphne Caruana Galizia. Hawnhekk l-abbli difensur ittrattat il-kwistjoni fuq binarju iehor, fejn il-mistoqsijiet qed isiru mill-qraba ta' Daphne Caruana Galizia li ghandhom d-dritt li jinsistu ghall-kontabilita' tal-Awtoritajiet tal-l-Istat dwar min wettaq dan id-delitt kontra mart u ommhom.

L-Awtorita', min-naha taghha, apparti l-eccezzjonijiet preliminari li ser jigu trattati, tillimita ruhha fil-mertu, biex tinsisti li r-rikorrenti qed juzaw id-dritt ghall-espressjoni hielsa bhala paraventu ghall-agir illegali, abbusiv u arbitrarju taghhom.

Ikkonsidrat li l-Awtorita' hija l-*lunga manus* tal-Istat f'dak li jikkoncerna l-izvilupp ta' bini. Ma hemmx dubbju ghalhekk, li tista' tigi ccitata f'kawzi bhal dawn jekk tilledi d-drittijiet fondamentali tal-bniedem fl-ezercizzju tal-poteri taghha u tista' tinzamm responsabbli ghal tali lezjoni u kkundannata taghti r-rimedji opportuni.

Ikkonsidrat li r-regolamenti tal-Avviz Legali 36 tal-2018 indubbjament jimponu fuq l-Awtorita' r-responsabbilita' li tikkontrolla t-twahhil ta' billbords u *banners* mal-bini, u jehtieg li dawn jitwahhlu bil-permess tal-Awtorita' meta jaqghu fit-tifsira tal-istess Avviz Legali. (sottolinear ta' din il-Qorti).

Izda b'dan ma jfissirx li l-Awtorita' tal-Ippjanar giet fdata bir-responsabbilita' jew poter li ticcensura l-espressjoni hielsa f'pajjizna. Mehudin fis-sens logiku taghhom, l-argumenti tal-Awtorita' proprju iwasslu ghal din il-konkluzjoni li, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, hija tifsira antiguridika u anti demokratika.

Illi kull ligi, ordinarja jew sussidjarja, trid tigi interpretata b'rispett lejn il-principji, t-test u anke l-ispirtu tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea (**art 6 Kostituzzjoni[4] u art.3 (2) tal-Kap 319[5]).**

Mhux kull *banner* jew kull *billbord* jaqa' fid-definizzjoni tar-Regolamenti, u hekk ghandu ikun, altrimenti naslu fis-sitwazzjoni imweghra li l-Awtorita' tal-Izvilupp u tal-Ippjanar, li hija awtorita' imwaqqfa biss biex tirregola l-bini u l-izvilupp, tkun tista' tagixxi bis-sahha kollha li ttiha l-Ligi biex ticcensura u trazzan il-libera espressjoni fil-pajjiz, manifestata permezz ta' *banners* u billbords. Hawnhekk, kontrarjament ghal dak asserit mill-Awtorita', l-arbitrarjeta' u l-illegalita' li ghandha tghaddi mill-gharbiel, mhuwiex dik tal-individwu imma tal-Istat li qed jigi addebitat bi ksur ta' drittijiet fondamentali.

---

[4] "**6.** *Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) tal-artikolu 47 u tal-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

[5] "*3 (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

**Nuqqas ta' Kontabilita'**

Difatti mix-xhieda ta' Johann Buttigieg, jirrizulta li l-ezercizzju maghmul mill-ufficcju tieghu hija nieqsa mit-trasparenza, kontabilita' u kjarezza mehtiega fit-twettieq tal-poteri tieghu bhala *Chief Executive Officer* tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Hu xehed li kien ta "direzzjoni generali" ftit wara li assuma l-kariga attwali tieghu, li jitnehhew il-billbords u *banners* kollha. Jirrizulta li din l-ordni inghatat bil-fomm biss, mhix redatta mkien bil-miktub bhala punt ta' referenza kemm interna, u wisq inqas esterna ghac-cittadin ordinarju. Difatti Carmel Gafa xehed li l-Awtorita' hija *paperless.* Dak li jinghad ma jigix *minuted* u ghalkemm isiru laqghat biex jittiehdu decizjonijiet dwar *direct action*, Gafa stess, li huwa l-persuna inkarigata mid-*direct action,* lanqas seta' ikun preciz ghaliex ma hemm xejn bil-miktub.

Inoltre Johann Buttigieg xehed li huwa jara jekk billbord jew *banner* jaqa' fost l-eccezzjonijiet fil-ligi u, jekk mhuwiex fost dawn l-eccezzjonijiet, allura jitnehha.

Dawn l-ezenjonijiet jemanu mir-Regolament 4 tal-Avviz Legali 36 tal-2018 - Regolamenti tal-2018 dwar Billbords u Reklami. Din il-Qorti fliet l-ezenzjonijiet li japplikaw ghal "*reklami"* f'certu siti (4(1) (1a - 1e, 1i-1m); sinjal tat-traffiku jew li jhabbar isem il-belt jew rahal (41f-1g); billbord li ghandu l-kunsens tal-President tar-Repubblika uzat ghall-attivitajiet tal-Ufficcju tal-Presidenza, jew li jirreklamaw progetti tal-UE jew ta' NGO's. (41n-1p).

Illi huwa evidenti li l-*banners* in mertu, ghalkemm ikbar minn 6 metri kwadri, la huma reklami, u lanqas sinjal ta' isem rahal, progett tal-UE/NGO jew tal-Presidenza. Anke li kieku jitqies li huwa billbord (ghaliex huma *banners*),Ghalhekk huwa minnu li ma jaqawx fost il-kazijiet ezentati, izda xorta wahda, it-tifsira moghtija fir-Regolamenti jorbot il-billbord ma' *reklam.* (Reg.2)

*Reklam* skont l-Att Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp (Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta) jfisser:

*"kull kelma, ittra, mudell, sinjal, kartellun, tabella, avviż, disinn jew xbiha, sew jekk illuminata sew jekk le, li għandha xorta ta' u hija użata għalkollox jew f'parti għal skop ta' reklam, avviż jew direzzjoni, inklużi kull stekkat jew struttura simili użata jew adattata għall-użu ta' wiri ta' reklami; "* (Sottolinear ta' din il-Qorti). "*Advertisement, announcement or direction"* huma l-kliem uzati fit-test Ingliz.[6]

**Nuqqas Sistemiku**

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-approcc semplicistiku tal-Awtorita' tramite d-diskrezzjoni tal-ufficcju tal-CEO jwassal ghal nuqqas sistemiku u mhux idoneu ghall-otteniment tal-iskop tar-Regolamenti u tal-Ligi u ghat-tharis tal-ligijiet supremi tal-pajjiz. Anzi jista' facilment

---

[6] Reg. 3(1) ad ezempju jghid :
"Ebda reklam ma ghandu jintwera fi kwalukwe post li jkun jidher mit-triq, u ebda vettura ta' reklamar ma ghandha titqieghed, fit-triq jew fi kwalsijasi post li jkun jidher mit-triq, minghajr il-permess tal-Awtorità moghti taht dawn ir-regolamenti u l-lskedi I u II, kemm-il darba dan ma jkunx reklam li ghalih ikun japplika r-regolament."

iwassal ghall-abbuz tad-diskrezzjoni, kif sehh fil-kaz odjern, fejn l-Awtorita' agixxiet *ultra vires.* Minghajr linji gwida miktubin, cari u accessibbli, ir-Regolamenti imsemmija jaghtu licenzja ghac-censura ta' persuni privati fejn il-messagg taghhom la huwa reklam, la avviz, u lanqas direzzjoni kif ried il-legislatur meta fassal il-qafas legislattiv li jirregola l-bini u l-izvilupp.

Illi min-naha wahda, Johann Buttigieg u anke Carmel Gafa, sostnew li ma jharsux lejn il-kontenut tal-*billbords/banners.* Fir-realta', jekk dan hu minnu, u ma giex ippruvat il-kuntrarju, dan hu proprju wiehed mill-mankanzi l-iktar lampanti fl-istruttura amministrattiva li fiha topera l-Awtorita'. F'tali kaz ghandha ragun id-difensur tar-rikorrenti turi it-thassib taghha li l-Aworita' tnehhi kull billbord/*banner* indiskriminatament, reklam jew mhuwiex.

Din il-Qorti hija wkoll imhassba billi dwar id-direzzjoni generali, ghandha biss il-kelma tal-CEO, billi ma hemm xejn bil-miktub li jista' jigi sindakat. Jekk hu minnu dak li xehed, allura hu, wahdu, ghandu l-awtorita' li jiddeciedi x'inhu reklam jew le u sussegwentement jiskatta procedura tal-infurzar. Kemm Johann Buttigieg kif ukoll Carmel Gafa xehedu li ma jharsux lejn il-kontenut donnu dan huwa ta' beneficcju u ta' serhan tal-mohh. Ghal kuntrarju, il-ligi stess tuza l-kwalifika li dan il-poter qed jinghata biss fil-konfront ta' <u>reklami</u>. **Allura wiehed jistaqsi, fejn huma l-linji gwida biex jigi evitat ic-censura ta' dawk il-messaggi li mhumiex reklami?**

Dan ukoll iwassal ghat-tezi assurda, implicita fil-linja difensjonali tal-Awtorita', li bniedem li qed jitlob informazzjoni dwar il-qtil ta' martu ghandu jitlob il-permess minn Awtorita' tal-Ippjanar li ghandha biss il-poter arginat li tirregola l-bini u l-izvilupp fil-pajjiz.

Punt li jemani mix-xhieda jirrigwarda l-urgenza, li skont Johann Buttigieg kif ukoll skont Carmel Gafa, kien dovut ghan-numru ta' *complaints* u rapporti li ircevew. *L-Enforcement Officer's Report (fol 34)* jibda biex jghid "*This office received instructions to issue an enforcement notice ... … In view of the urgency of the case...."* Carmel Gafa, imbaghad, rabat l-urgenza man-numru ta' *complaints* li setghu ircevew. Dwar ir-rapporti jew *complaints*, dawn ix-xhieda lanqas setghu jipprecizaw min, ma' min, u kemm kienu dawn il-*complaints*. L-avukat difensur tal-Awtorita' saqs' lil Carmel Gafa in kontro ezami:

*"Ara jekk taqbilx mieghi li l-Awtorita' tqis ukoll l-urgenza tal-kaz b'rabta man-numri ta' rapporti minhabba konsiderazzjoni ta' injuri to amenity li johorgu wkoll mil-Ligi".*

Carmel Gafa ghamel riferenza ghal "certu tip ta' messaggi..., *ehe...l-Awtorita` qeghdha tikkonsidrahom bhala urgenti.".* Irrefera ghas-*social media* "*kummenti li tara fuqhom xi haga straordinarja hu?";* u li kienet tqanqlet certu kommossjoni minhabba li kien hemm erba' festi l-Belt u kien hemm iktar oggezzjoni ghal dan l-izvilupp.

Xehed ukoll "*Lil hinn minn hekk, f'dan il-kaz zgur li t-tip ta' messagg, jew tip ta' banners, streamer, billbord sejhilha li trid, zgur li ma kenitx tikkumplimenta mal-bini tat-triq....".*

Baqa' ma spjegax x'ried jghid b"*certu tip ta' messagg*" izda din ir-referenza tieghu hija ukoll indikattiva li l-urgenza fl-azzjoni tal-Awtorita' kienet xprunata mill-kontenut tal-messagg, u dan johloq konflitt mal-insistenza li l-Awtorita' ma tharisx lejn il-kontenut tal-messaggi. Anzi, dwar ir-rapporti li setghu ircevew, li dwarhom ma hemm xejn fil-provi u lanqas fl-*enforcement file,* li suppost kellu jkun il-*file* komplut fuq il-kaz, dan issahhah it-tezi tar-rikorrenti li l-messagg tnehha ghaliex ma intoghobx. Propju f'kaz fejn kellha tigi attirata s-sahha tal-Istat biex tipprotegi l-messagg, din is-sahha twettqet biex tohnoq il-messagg.

**Kif gja premess, dan kollu jinghad bir-riserva li dan il-jedd mhuwiex assolut. Madanakollu, kif ser jirrizulta manifestament, l-Awtorita' ma ttentatx tiggustifika l-agir l-indhil b'referenza ghal xi ghan legittimu, izda semplicement strahet fuq in-nuqqas tar-rikorrenti li jitolbu permess mill-Awtorita' tal-Ippjanar.**

**Dawn il-konsiderazzjonijiet ser jigu riflessi meta din il-Qorti tikkonsidra t-talbiet u l-eccezzjonijiet *in funditus* u ghandhom jitqiesu bhala parti integrali mill-konsiderandi u konkluzjonijiet taghha.**

## ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI

### Non-Ezawriment ta' Rimedji Ordinarji

Illi *in linea* preliminari l-Awtorita' stiednet lil din il-Qorti sabiex tirrifjuta li tkompli tisma' dan il-kaz *ai termini* tal-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

Fir-risposta taghha l-Awtorita' rreferiet ghall-Artikoli *97 tal-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 13, 36 u 50 tal-Kapitolu 551 tal-Ligijiet ta' Malta),* li ppermettew lir-rikorrenti biex jikkontestaw il-hrug tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru 68/18. Dan ma ghamlux u allura gew li ssokkombew, accettaw u rrikonoxxew l-ordni kontenuta fl-istess Avviz.

Hu pacifiku li l-akkoljiment *o meno* ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-*proviso* jew addirittura l-applikazzjoni *ex officio* tal-*proviso* hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti. Illi l-ghan tal-Qorti ghandu jkun li tfittex li tqieghed lill-persuna li qed issofri ksur ta' dritt fondamentali fis-sewwa b'mod effikaci u bl-inqas dewmien. Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qrati ordinarji m'humiex huma aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali imma l-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom.

Illi bhala principju gie ribadit fil-kaz "**Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**" (Q.K. – 5 ta' April 1991) jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala

principju assolut fil-ligi Kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistennija li jipprovdu rimedju effettiv. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni wiesgha hafna dwar l-ezercizzju *o meno* tal-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha. Ovvjament, tali diskrezzjoni ghandha tintuza gustament u ragonevolment.

Illi meta jissemma li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, irid jintwera li dan ikun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[7]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li ser jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, u li jkun accessibbli, effettiv u effikaċi[8]. L-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża. (Ara ***Tretyak v. Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***[9]*, li kienet konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006* fejn il-kriterji rilevanti huma imfissra b'mod *eżawrjenti.*).

---

[7] Ara Kost. 5.4.1991 fil-kawża fl-ismijiet Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXV.i.106)
[8] P.A Kost. 9.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet Clifton Borg v Kummissarju tal-Pulizija (mhix pubblikata)
[9] Rik. Kost. Nru. 22/05/JRM

Fl-ahhar mill-ahhar, il-Qrati ordinarji mhumiex aditi bil-gurisdizzjoni originali f'materja ta' lezjoni ta' drittijiet l-aktar fondamentali. Dan jispetta lill-Qrati fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom. Din il-Qorti tifhem ukoll li c-cittadin li qieghed jsofri ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu jew ta' theddida ta' ksur, mhuwiex tenut li jfittex rimedju quddiem il-Qrati ordinarji meta dan ikun ineffettiv. F'din ic-cirkostanza, l-applikazzjoni hazina tal-artikolu 46(2) u 4(2) tissarraf bhala mezz ta' prolungament inutili ta' sofferenza ghal min hu vittma ta' ksur ta' drittijiet fondamentali.

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament.

Illi fis-sottomissjonijiet orali, d-difensur tar-rikorrenti qalet li r-rimedji ravvisati fir-risposta mhumiex effettivi ghaliex il-Bord tal-Appell kien semplicement japplika l-ligi ordinarja u jaghti forza lid-diskrezzjoni tal-Awtorita' moghtija lilha bil-Ligi.

Illi huwa pacifiku li l-eżistenza li tassew ikun (jew kien) hemm rimedju alternattiv xieraq trid tintwera mill-intimat li fuqu jaqa' l-piż tal-prova biex jikkonvinċi lil din il-Qorti biex tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha biex tisma' l-kawża. L-Awtorita' ma elaboratx dwar dan il-punt billi d-difensur taghha llimita ruhu semplicement li jiddikjara li jistrieh fuq ir-risultanzi processwali.

Illi l-artikoli citati mill-Awtorita' fir-risposta taghha, jirrigwardaw l-jedd ta' appell lit-Tribunal ta' Revizjoni tal-

Ambjent u l-Ippjanar, imwaqqaf taht l-Att tal-2016 - l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap 551 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jigi senjalat qabel xejn, li l-Att jistabilixxi terminu ta 15-il jum ghall-appell izda fil-kaz odjern, il-*banners* tnehhew, l-ewwel wiehed fi zmien tlett ijiem minn meta twahhal u fit-tieni kaz, fi zmien tnax-il siegha.

Ikkonsidrat li l-ilment li ghandha quddiemha illum jirrigwarda ksur tal-jedd tal-liberta' tal-espressjoni. Ir-rikorrenti qed isostnu li *inter alia* l-Awtorita' ma agixxietx skont il-ligi, u li l-ligi hija nieqsa mill-kwalitajiet mehtiega ghas-soddisfazzjon tal-kriterju ta' *quality of law.* Inoltre qed jitolbu dawk ir-rimedji kostituzzjonali u konvenzjonali sabiex jigi raddrizzat il-lezjoni subit minnhom billi jigi dikjarat li d-dritt fondamentali taghhom gie lez.

Illi certament dawn il-lanjanzi ma jistghux jigu effettivament trattati u indirizzati mill-Bord tal-Appell specjalment fl-ambitu tal-kostatazzjonijiet dwar in-nuqqasijiet sistemici li din il-Qorti gja ghamlet *ante.*

**Ghaldaqstant qed tichad din l-ewwel eccezzjon u taghzel li tkompli tisma' din il-kawza billi l-lanjanzi mqajma huma ta' kompetenza taghha u r-rimedju mitlub ma jistax jinghata mill-Bord ta' Appell**.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni - It-Talbiet huma semplicement frivoli</u>**

L-awtorita` regghet ma amplifikatx fuq din l-eccezzjoni. Fir-risposta tghid li r-rikorrenti jippretendu li ghandhom *dritt* li jagixxu bi ksur flagranti tal-Ligijiet tal-Ippjanar "*u dan billi wettqu zvilupp konsistenti fit-twahhil ta' billboard....".*

Hawnhekk il-qorti kellha tirrikorri lejn il-Kap 552 biex tottjeni taghrif ahjar dwar l-uzu tal-kelma "zvilupp" u ma sabitx konfort fit-test tal-artikolu 70 tal-Kap 552 li ghalih taghmel referenza l-Awtorita` fir-risposta taghha.

Imma, frankament, issib ukoll li, anke minghar it-tifsira provvduta fil-ligi, it-tigbid tat-tifsira ta' din il-kelma "zvilpupp" biex tkopri wkoll kaz ta' twahhil ta' *banner*, **li mhuwiex reklam,** u li m'ghandu l-ebda struttura ta' support (u ghalhekk l-ebda kostruzzjoni), jinvolvi ezercizzju 'il hinn minn kull logika.

**L-artikolu 70 tal-Kap 552** gja citat jaghmel referenza ghall-"reklam".

Dwar x'inhu "reklam" din il-Qorti gja qieset li l-kliem fil-*banner* lanqas remotament jistghu jaqghu f'din il-kategorija. Ir-rikorrenti ma kienux qed jirreklamaw l-ebda prodott, servizz jew oggett. Difatti fit-tifsira ordinarja tal-kelma, skont l-Oxford English Dictionary "advertisement" huwa "*a notice, picture or film telling people about a product, job or service".*[10] Il-klliem fil-*banner* m'huma xejn minn dawn.

[10] Ara wkoll ad ezempju, konsonanti ma' din it-tifsira, **Artikolu 3a(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, tal-10 ta' Settembru 1984**, dwar reklamar qarrieqa u komparattiv bejn prodott u iehor; **Id-Direttiva 2005/29/KE(1)** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,

Anzi huma mistoqsijiet maghmula minn cittadini privati, direttament milquta b'delitt li s'issa mhuwiex solvut, fit-tfittxija taghhom ghall-verita' u ghall-kontabilita' tal-istituzzjonijiet fil-pajjiz, zewg pilastri ta' socjeta' verament demokratika.

F'dan l-isfond, il-kelma "frivola" certament ma tapplikax ghal-lanjanza tar-rikorrenti.

Kif gie ribadit *"semplicement fiergha u jew vessatorja" tfisser li t-talba" tal-ewwel jidhru li huma vani, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens, u ma jisthoqqilhomx attenzjoni* (**QK Mifsud v l-Avukat Generali** LXXIV.I.234) *u dan kollu b'mod tant car li mhuwiex ragjonevolment possibbli li jigi kontestat, li dak it-tqanqil, u dik it-talba huma effettivament frivoli. U l-istess ghandu jinghad ghall-konkuzjoni l-ohra ta' vessatorjeta fejn tant ma jkunx hemm ragunijiet sufficjenti biex isostnu it-tqanqil jew it-talba, illi allura l-motivazzjoni li ghalihom sar tkun li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti."*

Hekk ukoll il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Alan Mifsud v Avukat Generali et.,** (dec. fit-23 ta' Novembru 1990) qalet riferibbilment ghall-kliem fil-kuntest tal-procedura ta' referenza kostituzzjonali li "*Il-qorti tifhem illi 'frivola' riferibbilment ghall-kwistjoni Kostituzzjonali li tigi sollevata quddiem xi qorti - barra l-Qorti Kostituzzjonali jew il-Prim'*

---

tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur li tipprojbixxi li jsir reklamar dwar tnaqqis fil-prezzijiet.

*Awla tal-Qorti Civili - tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens, li ma jisthoqqilhiex attenzjoni waqt li 'vessatorja' tfisser li l-kwistjoni giet sollevata minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti."*

**Il-Qorti tqies li l-ilment mhuwiex van u bla pregju. It-talba odjerna hija bbazata fuq l-illegalita' tad-decizjoni tal-Awtorita' u anke fuq il-kwalita' tal-ligi li hija qed tinvoka biex tiggustifika l-indhil taghha. Ghalhekk il-kawza fiha s-siwi taghha u kwindi din l-eccezzjoni wkoll ser tigi michuda.**

**Mertu**

It-talba tar-rikorrenti hija bbazata fuq il-protezzjoni sancita bl-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** u **l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni** li jharsu l-liberta' ta' l-espressjoni.

Fil-kawza deciza mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Axel Springer AG vs Germany**[11], intqal is-segwenti:

*"78. Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfillment.* *<u>Subject to paragraph 2 of Article 10, it is applicable not only to "information" or</u>*

[11] Deciza fis-7 ta' Frar 2012

*"ideas" that are favorably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". As set forth in Article 10, freedom of expression is subject to exceptions, which must, however, be construed strictly, and the need for any restrictions must be established convincingly."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

**L-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** jaqra :-

*(1) Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-ġenituri, hadd ma ghandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tieghu ta` espressjoni, maghduda libertà li jkollu fehmiet minghajr indhil, libertà li jirċievi idejat u taghrif minghajr indhil, libertà li jikkomunika ideat u taghrif minghajr indhil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta` persuni) u libertà minn indhil dwar il-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ebda haġa li hemm fi jew maghmula skont l-awtorità ta` xi liġi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma` jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta` dan l-artikolu safejn dik il-liġi taghmel provvediment -*

*(a) li jkun mehtieġ raġonevolment –*

*(i) fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew sahha pubblika; jew*

*(ii) sabiex jiġu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta` persuni ohra, jew il-hajja privata ta` persuni li jkollhom x`jaqsmu ma` proċeduri legali, jiġi evitat il-kxif ta` taghrif riċevut sigriet, tiġi miżmuma l-awtorità u l- indipendenza tal-qrati, jiġu protetti l-privileġġi tal-Parlament, jew jiġu regolati t-telefonu, it-telegrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televiżjoni, jew mezzi ohra ta` komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubbliċi jew divertimenti pubbliċi ; jew*

*(b) li jimponi restrizzjonijiet fuq uffiċjali pubbliċi,*

*u hlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-haġa maghmula skont l-awtorità tieghu tiġi murija li ma tkunx raġonevolment ġustifikabbli f`soċjetà demokratika."*

Illi fis-sentenza li nghatat fil-25 ta` Gunju 1976 fil-kawza "**Mons. Philip Calleja vs Spettur Dennis Balzan**" il-Qorti ta` l-Appell qalet –

*"Wiehed mill-elementi pozittivi tal-liberta` tal-espressjoni hi l-ghazla tal-medium ta` l-espressjoni nnifisha. Li wiehed silenzjozament u ghal kollox pacifikament izomm biss f`idejh poster b`xi haga miktuba li biha jesprimi opinjoni li b`xi mod ma tkunx kontra l-ligi hu forsi l-MINIMUM rikonoxxut lil kull cittadin. Li mbaghad, l-opinjoni hekk espressa f`dik il-kitba ma toghgobx lil xi hadd li jhaddan opinjoni differenti mhux haga ohra hlief manifestazzjoni ta` propju l-istess dritt ta` liberta ta` espressjoni."*

Hekk ukoll fis-sentenza li tad-29 ta` Novembru 1986 fil-kawza "**Dott. Eddie Fenech Adami noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**", il-Qorti Kostituzzjonali irribadiet hekk :-

*"Il-Qorti, fil-hin li zzomm quddiem ghajnejha l-preokkupazzjoni ta` l-awtoritajiet ikkoncernati u x-xewqa taghhom li jigu skansati incidenti serji f`pajjizna, ma tistax tinsa li ahna nies li nuru tolleranza ghal xulxin, civilizzati bizzejjed sabiex nizguraw li haddiehor ghandu jkun liberu li jiltaqa` u jitkellem avvolja dak li jista` jinghad ma jkun jinzel xejn ghal widnejna, u min-naha l-ohra nizguraw ukoll li fil-laqghat taghna pubblici jew privati, x`ikunu, jithallew mhux mittiefsa d-drittijiet u libertajiet ta` haddiehor. Jekk hemm xi biza` li jkun hemm xi whud li jimminaccaw dawn id-drittijiet u libertajiet li m`humiex biss drittijiet u libertajiet affermati fil-karta tal-Kostituzzjoni, imma jezistu qabel kollox fl-essenza stess tal-bniedem, ikun id-dmir ta` l-awtorita` responsabbli ghaz-zamma tas-sigurta` pubblika u ta` l-ordni pubbliku, li tara li l-minaccja tigi mxejna bl-uzu tal-mezzi kollha disponibbli ghaliha, imma qatt billi xxejjen l-istess drittijiet u libertajiet li jkun hekk illegalment minaccati."* (Ara wkoll f'dan is-sens rigward id-dmir tal-awtorita` li tissorvelja u thalli min qed jezercita dan il-jedd minghajr intralc, is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Francis Zammit Dimech et vs Kummissarju tal-Pulizija**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` Novembru 1987.

**L-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni** jghid:

*1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` ta` espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita` pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta` fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtieġu liċenzi ghax-xandir, televiżjoni jew imprizi cinematografici.*

*2. L-eżerċizzju ta` dawn il-libertajiet, billi jġib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista` jkun suġġett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b`liġi u li jkunu mehtieġa f` soċjeta` demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-eghmil ta` delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta` haddiehor, biex jiġi evitat il-kxif ta` informazzjoni riċevuta b`sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-ġudikatura."*

Hu pacifiku li l-kwalifika "*mehtiega f'socjeta' demokratika*" (*necessary in a democratic society*) hija aktar restrittiva mill-kwalifika ta' *"htiega ragjonevoli"* (*reasonably justifiable)* uzata fil-Kostituzzjoni.

Illi hawnhekk ghandu jigi precizat li l-Qorti ser tittratta iz-zewg disposizzjonijiet flimkien.

F'dan il-kuntest, l-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni, bhall-artiklu 10 tal-Konvenzjoni fl-assjem tieghu, jistabbilixxi, kriterji sabiex jinholoq bilanc bejn id-dritt ta' espressjoni hielsa, min-naha

l-wahda, u, min-naha l-ohra, id-drittijiet u interessi ta' l-Istat, kif ukoll ta' persuni privati, dejjem fil-parametri ta' dak li hu mehtieg jew ragjonevoli f'socjeta' demokratika.

Id-dritt protett bl-**artikolu 41 tal-Kostituzzjoni** u **l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni** fit-termini taghhom mhuwiex wiehed assolut, izda arginat bir-responsabbilitajiet u restrizzjonijiet purke' li huma "*raġonevolment ġustifikabbli*" (l-art.41) jew "*mehtiega"* jew "*necessary in a democratic society*" (art.10) - dak li l-gurisprudenza ta' Strasbourg komunement issejhilha "*a pressing social need"* ghall-protezzjoni ta' drittijiet u nteressi ohrajn hemm imfissra. Anzi l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick jitkellmu dwar "*imperative necessities"* bhala l-kejl li jista' jiggustifika l-interferenza tal-Istat fl-ezercizzju tal-liberta` tal-espressjoni.[12]

Illi minn qari ta' dawn l-artikoli jsegwi li din il-qorti ghandha tapplika s-segwenti kriterji sabiex tasal ghad-decizjoni taghha:

1. Jekk kienx hemm interferenza / indhil fid-dritt pretiz.
2. Jekk l-interferenza temani mil-ligi jew saret in forza ta' xi ligi.
3. Jekk l-interferenza saret fit-twettiq tal-ghanijiet legittimi (*legitimate aims)* imfissra fis-subartiklu 41(2) jew 10(2) fuq citati.
4. Jekk l-interferenza kienet ragjonevolment gustifikabbli jew mehtiega, f'socjeta' demokratika kif ukoll proporzjonali

[12] *Law of the European Convention on Human Rights -3rd eduition;* pp 613

fl-applikazzjoni taghha kontra r-rikorrenti, tenut kont il-margni tal-apprezzament tal-Istat.

**Applikazzjoni ghall-Kaz Odjern**

Terga' ttenni li l-Awtorita' assolutament ma dahhlet xejn f'dawn il-kriterji izda tghid biss li r-rikorrenti kienu qed jiksru l-ligi. Effettivament, f'ezami kostituzzjonali u konvenzjonali, li huma supremi fuq il-ligi ordinarja, dan l-addebitu jigi rovexxjat. Fil-kaz odjern, r-rikorrenti jghidu li lanqas l-ewwel kriterji gie soddisfatt.

Il-Qorti hawnhekk tabilfors trid tikkummenta li l-lenti taghha f'kawzi bhal dawn ma tinghalaqx jekk ir-rikorrent/vittma qed jagixxi bi ksur tal-ligi ordinarja. Li kieku taghmel hekk tkun ghamja ghas-supremazija tad-drittijiet fondamentali li huma <u>inerenti f'kull bniedem</u>. Jigi precizat li b'dan ma jfissirx li l-ligi ordinarja m'ghandhiex tigi rispettata - xejn minn dan. Izda jekk il-ligi ordinarja hija lesiva tal-ligijiet supremi tal-pajjiz, din il-Qorti ghandha d-dmir li tintervjeni biex tirrimedja ksur tal-jedd fondamentali u tipprevjeni li dak il-ksur ikompli.

**Bniedem li qed jezercita dritt interenti ghad-dinjita' tieghu, liema dritt huwa suprem ghal-ligi ordinarja, jista' dejjem jfittex il-protezzjoni ta' dik il-ligi suprema.**

**L-agir tal-Istat, l-uzu tal-poter tal-Istat, imbaghad jigi imkejjel a) skont jekk l-indhil sarx skont il-ligi, b) jekk**

**kien hemm htiega ghaliha u c) jekk l-uzu twettqitx b'mod proporzjonali sabiex inzamm bilanc bejn il-miri tal-legislatur u d-drittijiet tal-persuna kkoncernata.**

**I. Indhil/ Interferenza mill-Awtorita' tal-Istat**

Illi din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga wisq fuq dan il-punt. Ir-rikorrenti wahhlu *banner* fuq proprjeta' privata b'messagg ta' sinjifikat politiku. Il-kelma "*politiku"* ma jirreferix ghall-politika partiggjana bejn partiti, imma qed tintuza fis-sena iktar ampju u wiesgha ta' messagg li ghandu resonanzi li jinteressaw lis-socjeta' in generali.

Taqbel li l-indhil sehh fuq zewg binarji:

1. Indubbjament meta tnehhew il-*Banners* bl-ordni tal-Infurzar, kien hemm interferenza bid-dritt ta' espressjoni hielsa.

2. Minbarra dan, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-indhil sehh ukoll meta l-Awtorita' ippretendiet li r-rikorrenti kellhom u ghandhom japplikaw ghall-permess ta' zvilupp mahrug minnha biex jezercitaw dan id-dritt fondamentali taghhom.

**Ghalhekk il-Qorti ssib li kien hemm interferenza mill-Awtorita' fl-ezercizzju tad-dritt ghall-espressjoni hielsa tar-rikorrenti.**

## II. Legalita`

Wiehed jistaqsi l-ewwel fuq liema bazi legali agixxiet l-Awtorita'. Fit-tieni lok jekk il-ligi invokata tissoddisfax l-kwalitajiet mehtiega (*quality of law).*

Kif gie ritenut mill-ECHR fis-**Sunday Times v the United Kingdom** (dec. fis-26 ta' April 1979):

*"49. In the Court’s opinion, the following are two of the requirements that flow from the expression "prescribed by law". Firstly, the law must be adequately accessible: the citizen must be able to have an indication that is adequate in the circumstances of the legal rules applicable to a given case. Secondly, a norm cannot be regarded as a "law" unless it is formulated with sufficient precision to enable the citizen to regulate his conduct: he must be able - if need be with appropriate advice - to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail. Those consequences need not be foreseeable with absolute certainty: experience shows this to be unattainable. Again, whilst certainty is highly desirable, it may bring in its train excessive rigidity and the law must be able to keep pace with changing circumstances. Accordingly, many laws are inevitably couched in terms which, to a greater or lesser extent, are vague and whose interpretation and application are questions of practice."*

Illi l-Awtorita' tinsisti li agixxiet in forza tal-ligi, precizament l-Avviz Legali 36 tal-2018 u tal-Kap 552 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-disposizzjonijiet rilevanti gja gew ampjament konsiderati minn din il-Qorti *ante.*

Illi fit-trattazzjoni, ir-rikorrenti issottomettew li l-ligi ccitata tfalli mill-kriterji ta' kwalita' mehtiega mill-Konvenzjoni. Din tirrikjedi li d-disposizzjonijiet legali kienu accessibbli u l-konsegwenzi jkunu preveddibbli ghac-cittadin ordinarju, imqar b'assistenza ta' persuna legali.

Issa fil-kaz odjern, l-Awtorita' tinsisti li l-*banner* hija "*reklam"* ghall-fini tal-Avviz Legali imsemmi u "zvilupp" skont il-Ligi. Jekk dan hu minnu, allura l-agir tal-Awtorita' tigi meqjusa bhala legali.

Izda din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Dak li twahhal huwa *banner* - incirata, li lanqas huwa billbord, u kien imdendel ma’ hajt ta' barra ta' bini, u mhux imserrha fuq xi qafas jew struttura (prova li ma ngabitx mill-Awtorita`).

Fil-fehma tal-Qorti, il-ligi titkellem b'mod inekwivoku dwar "reklam" u gja fissret li l-interpretazzjoni tal-Awtorita' mhi xejn konfortata bil-kliem u tifsira maghmula mil-legislatur. "Reklam" m'ghandux xi tifsira komplikata jew artificjali. Kullhadd jifhem x'xinhu reklam, jew *advertisement.* Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti ma kienux qed jirreklamaw oggett, prodott jew servizz kif ampjament discuss *ante.*

Fil-fatt, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-enforzar ma sarx bis-sahha tal-Ligi imma aktar precizament, fl-applikazzjoni zbaljata ta' dik il-Ligi. Dan johrog mix-xhieda stess ta' Johann Buttigieg li qal li ftit xhur wara li sar CEO, ta direzzjoni generali li skattat il-makkinarju tal-enforzar. Din l-ordni ma kenitx redatta f'kitba u ma hemmx linji gwida dwar l-interpretazzjoni taghha jew tal-Ligi.

Aparti dan, jidher mix-xhieda ta' Carmel Gafa, li kien hemm ukoll xi laqghet dwar dan il-messagg in partikolari, li jindika li l-kaz gie indirizzat iktar specifikatament mill-Awtorita'.

Indubbjament kienet din l-ordni li skattat il-makkinarju tal-enforzar tal-Awtorita' u l-ufficjali tal-Awtorita' imxew fuq din l-ordni tal-CEO, li ghalihom kellha s-sahha tal-Ligi. Inoltre, billi ma hemmx *paper trail,* u lanqas linji gwida dwar l-interpretazzjoni imposta mill-CEO, l-ordni ezekuttiva fiha innifisha ma ssoddisfatx ir-rekwiziti ta' trasparenza u kontabilita, u wisq inqas ta' kjarezza u prevedibilita'. Tant li c-cittadin privat, rinfaccjat bl-Avviz Legali 36 tal-2018 ma jista' qatt logikament jasal ghall-konkluzjoni li *banner* b'messagg politiku fis-sens fuq spjegat, huwa "reklam".

Issa fil-kaz odjern, il-ligi hija cara - titkellem dwar reklami jew reklamar.

**Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tqies li l-agir tal-Awtorita' intimata ma saritx bis-sahha tal-Ligi, anzi, kienet ultra vires il-mansjonijiet moghtija lill-Awtorita' mil-legislatur u, in kwantu wasslet ghac-censura effettiva ta' cittadin**

**privat, tikkostitwixxi agir vjolattiv tad-dritt tar-rikorrenti.**

**Inoltre, in kwantu li l-ordni amministrattiva, li ghandha s-sahha tal-ligi ghall-impjegati tal-Awtorita', mhix accessibbli, cara u prevedibbli, tikkozza mal-kwalita' rikjesta mill-Kostituzzjoni u Konvenzjoni li ghandha tigi soddisfatta f'kull ligi.**

**III. Ghanijiet Legittimi**

Il-Qorti ghandha tinvestiga wkoll jekk l-interferenza saret fit-twettiq tal-ghanijiet legittimi (*legitimate aims)* imfissra fis-subartiklu 41(2) jew 10(2) fuq citati.

L-Awtorita' ma invokat l-ebda wiehed mir-ragunijiet imsemmija sabiex tiggustifika l-interferenza taghha. Agixxiet biss abbazi tal-konsiderazzjoni li r-rikorrenti kisru l-ligi meta wahhu l-*banners* minghajr permess.

Kwindi l-ebda wiehed mill-ghanijiet japplika bhala gustifikazzjoni.

Jispetta lill-Istat li jiddefendi l-agir tieghu abbazi ta' wiehed jew aktar mill-eccezzjonijiet sollevati li f'dan il-kaz, m'ghamlux.

Illi din il-qorti daret l-eccezzjonijiet cioe` *legitimate aims* li setghu *semmai* jiggustifikaw l-agir tal-Awtorita`. Apparti li kazijiet ta' espressjoni politika ghandhom jiksbu l-oghla

protezzjoni, minn qarti tal-miri legittimi imfissra fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni, tqis li l-ebda wiehed minnhom huwa applikabbli ghall-kaz in dizamina.

**Ghalhekk issib ukoll li l-agir tal-Awtorita' ma kienx gustifikabbli.**

**IV. Jekk l-interferenza kienet ragjonevolment gustifikabbli jew mehtiega, f'socjeta' demokratika kif ukoll proporzjonali fl-applikazzjoni taghha kontra r-rikorrenti, tenut kont il-margni tal-apprezzament tal-Istat.**

**Espressjoni Politika - l-Oghla Grad ta' Protezzjoni**

Ikkonsidrat qabel xejn li Daphne Caruana Galizia kienet gurnalista fejn bil-kitba taghha, kienet timmira ghat-tkixxif ta' korruzzjoni fl-oghla livelli politici fil-pajjiz. Huwa evidenti li hafna mill-kitbiet taghha offendew u ddisturbaw uhud. Il-messagg fuq il-*banners* jaghmel mistoqsijiet intrinsikament marbutin mal-qtil taghha. L-avukat Peter Caruana Galizia spjega li "*Ghalija dan kien purament messagg ta' natura politika fil-kontroversja fil-pajjiz dwar l-istat ta' impunita', li, fl-opinjoni tieghu, ghen biex il-qtil ta' marti seta' kien possibbli."*

Ghalhekk din il-Qorti taqbel li l-kontenut tal-messagg huwa wiehed politiku, mhux fis-sens ta' politika partiggjana, imma fis-sens ta' insistenza ghall-kontabilita' fil-pajjiz. Kif gie sottomess fit-trattazzjoni, dan hu messagg li jirrigwarda t-

saltna tad-dritt fl-ambitu ta' demokrazija. "*Jigifieri messagg politiku li jgieghlek tahseb ... illi jqajjem mistoqsijiet u li jkompli jsawwar dak id-djalogu u dak id-dibattitu mehtieg f'socjeta' demokratika.*"

B'hekk din il-Qorti tqies li l-messagg kontenut fil-*banner* huwa fost dawk li jattiraw l-oghla protezzjoni tal-Ligi.

Hekk fil-kaz **Savva Terentyev v Russia,[13]** il-Qorti Ewropea f'Strasbourg applikat l-oghla livell ta' protezzjoni ghad-dritt ta' espressjoni politika.

Il-Qorti l-ewwel rribadiet il-principju generali li jiggwida l-applikazzjoni tal-Artikolu 10 u cioe`:

*"1. The general principles for assessing whether an interference with the exercise of the right to freedom of expression has been "necessary in a democratic society" are well-settled in the Court's case-law and were reiterated in a number of cases. The Court has stated, in particular, that freedom of expression constitutes one of the essential foundations of a democratic society and one of the basic conditions for its progress and for each individual's self-fulfillment. Subject to Article 10 § 2, it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic*

[13] 28 ta' Awwissu 2018.

*society" (see, among the recent authorities,* ***Morice v. France*** *[GC], no. 29369/10, § 124, ECHR 2015;* ***Pentikäinen v. Finland*** *[GC], no. 11882/10, § 87, ECHR 2015;* ***Perinçek,*** *cited above, § 196; and* ***Bédat v. Switzerland*** *[GC], no. 56925/08, § 48, ECHR 2016)."*

Imbaghad kompliet :

*"2. Moreover, there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest. It is the Court's consistent approach to require very strong reasons for justifying restrictions on such debate, for broad restrictions imposed in individual cases would undoubtedly affect respect for the freedom of expression in general in the State concerned (see* ***Feldek v. Slovakia****, no. 29032/95, § 83, ECHR 2001-VIII, and* ***Sürek v. Turkey*** *(no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61, ECHR 1999-IV).* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

Din il-protezzjoni testendi ghal kull tip jew forma ta' espressjoni. Hekk kif gie ritenut fil-kaz **Mătăsaru v. The Republic of Moldova[14]:**

*"3. The Court has also held that opinions, apart from being capable of being expressed through the media of artistic work, can also be expressed through conduct. For example, it has considered that the public display of several items of dirty clothing for a short time near*

[14] 15 ta' Jannar 2019

*Parliament, which had been meant to represent the "dirty laundry of the nation", amounted to a form of political expression (see Tatár and Fáber v. Hungary, no. 26005/08 and 26160/08, § 36, 12 June 2012). Likewise, it has found that pouring paint on statues of Ataturk was an expressive act performed as a protest against the political regime at the time (see Murat Vural v. Turkey, no. 9540/07, §§ 54-56, 21 October 2014). Detaching a ribbon from a wreath laid by the President of Ukraine at a monument to a famous Ukrainian poet on Independence Day has also been regarded by the Court as a form of political expression (see Shvydka v. Ukraine, no. 17888/12, §§ 37-38, 30 October 2014)."*

Illi kif jirrizulta mill-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti, huwa manifest li l-Awtorita' agixxiet minghajr gustifikazzjoni, b'mod arbitrarju u abbuziv. Ma hemm xejn fl-agir taghha li setghet tigi gustifikata bhala mehtiega f'socjeta' demokratika (*a pressing social need)* jew ragjonevolment mehtiega f'socjeta' demokratika. Ir-referenza ghall-misapplikazzjoni ta' ligi sussidjarja li suppost tirregola reklamar, ma ssalvax l-Awtorita'.

Ir-referenza vaga u mhux ippruvata ghal rapporti u *complaints* fuq xi media socjali, jew minn xi membri mhux identifikati jew identifikabbli tal-pubbliku, certament m'ghandux jinghata l-ebda importanza. Anke li kieku kien hemm rapporti u ilmenti, socjeta' demoktatika mhix socjeta' mmexxija minn *mob rule* imma mill-principji fuq enuncjati li jaghtu l-oghla protezzjoni lill-forma ta' espressjoni politika.

Ghaldaqstant fil-kaz odjern, din il-Qorti ma ssibx li kien hemm *a pressing social need* ghat-tnehhija tal-*banners*, u lanqas li dan l-agir kien ragjonevolment mehtieg f'socjeta' demokratika. Effettivament lanqas jirrizulta li l-Awtorita' ghamlet xi ezercizzju intern biex tikkonsidra l-impatt tal-messagg fl-ambitu tal-ligijiet supremi fil-pajjiz - obbligu li jinkombi fuqha bhala agent tal-Istat.

Illi gjaladarba lanqas issib li kien hemm xi ghan legittimu ghall-agir tal-Awtorita', proprjament ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tezamina jekk il-mezzi uzati kienu proporzjonati ghall-otteniment ta' dak l-ghan.

Konsegwentement issib li ma hemm l-ebda gustifikazzjoni fit-termini tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni ghall-agir tal-Awtorita` intimata.

**Rimedju**

Illi fit-trattazzjoni gie precizat mid-difensur tar-rikorrenti li huma m'humiex qed jinsistu li jigu awtorizzati jergghu iqieghdu l-*banner* fejn kien.

**Proprjament fid-dawl tas-suespost, ma hemm bzonn l-ebda awtorizzazzjoni minn din il-Qorti ghalhiex gie meqjus li ghandhom dritt inerenti li jasponu dan il-messagg minghajr il-htiega ta' permess mill-Awtorita.**

L-intimata ma qalet xejn dwar din it-talba.

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom jinghataw kumpens non-pekunjarju oltre dikjarazzjoni ta' lezjoni.

Ikkonsidrat li r-rikorrenti huma ir-ragel u ulied Daphne Caruana Galizia rispettivament, u permezz tal-*banners* in mertu, ma kienux qed jesprimu biss mistoqsijiet bhala osservaturi estranei ghall-akkadut, rigward qtil intimament konness max-xoghol taghha, imma wkoll mistoqsijiet, bhala qrabatha, rigward min ser jinzamm responsabbli ghall-qtil taghha. Il-fatt li din il-vuci taghhom taghhom giet imsikkta, ghal darba, darbtejn, u minghajr ma nghataw l-opportunita' li jiddefendu l-kaz taghhom, tabilfors ikkagunatilhom dieqa kbira.

**Ghalhekk tillikwida l-kumpens ghad-danni non-pekunjarji *ex aequo* fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) ghal kull wiehed mir-rikorrenti.**[15]

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Awtorita' intimata, tiddisponi mit-talbiet skont dan li gej:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni mill-Awtorita' intimata tar-Regolamenti

[15] *Vide* sentenza fil-kaz ta' Belpietro v Italy.

kontenuti fl-Avviz 36 tal-2018 li wasslet ghall-hrug tal-'Avviz ta' Twaqqif u Twettiq rigward Billboards u Riklami' jammonta ghal interferenza mhux gustifikata, sproporzjonata u mhux mehtiega f’socjeta` demokratika u ghalhekk ghal vjolazzjoni tal-**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea** inkorporata fil-Ligijiet ta’ Malta permezz ta' Kapitolu 319 u tal-**Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li t-tnehhija tal-*banners* minn fuq proprjeta` privata tammonta fiha nnifisha ghal interferenza mhux gustifikata, sproporzjonata u mhux mehtiega f'socjeta` demokratika u ghalhekk ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta f'Kapitolu 319 u tal-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

3) Tilqa' t-tielet talba fis-sens li fuq talba tal-istess rikorrenti, tqies li d-dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet imsemmija hija sufficjenti biex din il-lezjoni tigi rimedjata oltre dak li ser jigi likwidat f'kumpens non-pekunjarju.

4) Tilqa' r-raba' talba u tillikwida ammont ta' kumpens xieraq ghal tali vjolazzjoni fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) pagabbli lil kull wiehed mir-rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lill-Awtorita' intimata thallas l-ammont hekk likwidat lir-rikorrenti flimkien mal-imghaxijiet legali dekorribbli millum sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez jithallsu mill-Awtorita` intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Lulju 2019**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Lulju 2019**